**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum it-Tnejn 1 ta` Frar 2021**

**Fl-atti tar-rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni Nru. 6/2021 JZM fl-ismijiet :**

**Linda Theresa Isabel Grima (K.I. Nru. 0341206L)**

***kontra***

**Daren Micallef (K.I. Nru. 159776M)**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Ir-rikorrenti pprezentat rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni ("**il-Mandat**") kontra l-intimat fil-5 ta` Jannar 2021.

Il-qorti rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-rikors.

Fil-5 ta` Jannar 2021, il-qorti tat digriet fejn, wara li laqghet provizorjament it-talba ghall-hrug tal-Mandat, ordnat in-notifika tal-atti lill-intimat, b`ghaxart (10) ijiem zmien biex iwiegeb bil-miktub, u appuntat ir-rikors ghas-smigh ghat-18 ta` Jannar 2021.

L-intimat kien notifikat fil-5 ta` Jannar 2021 u pprezenta risposta fil-11 ta` Jannar 2021.

Il-qorti rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-risposta.

Is-smigh tar-rikors kien mifrux fuq zewg udjenzi : fil-kors ta` l-udjenza tat-18 ta` Jannar 2021, xehdu l-partijiet, waqt li fl-udjenza tas-26 ta` Jannar 2021, xehed Michael Savona in rapprezentanza tal-Awtorita` ghat-Trasport f`Malta li pprezenta bhala prova Dok MS.

Wara li saru sottomissjonijiet fl-ahhar udjenza, ir-rikors thalla ghal provvediment kamerali.

Dan huwa l-provvediment.

## II. It-talba

Ghar-ragunijiet li kienu specifikati fir-rikors, ir-rikorrenti talbet lill-qorti sabiex tordna l-hrug ta` l-Mandat sabiex l-intimat jinzamm milli :-

***jbiegh, jittrasferixxi jew b`xort`ohra jiddisponi jew jassenja lil terzi l-Pleasure Yacht bl-isem ta` "My Way" bin-numru ta` registrazzjoni 03132.***

## III. Il-posizzjoni tal-intimat

L-intimat jichad bhala nfondat l-jedd li r-rikorrenti tippretendi li ghandha sabiex titlob il-hrug tal-Mandat abbazi tar-ragunijiet li kienu ndikati fir-risposta, u sorretti minn dokumenti.

## IV. Il-kwistjoni

**Sintetikament** il-kwistjoni bejn il-partijiet tirrigwarda l-bejgh tad-dghajsa bl-isem "My Way".

Min-naha wahda, ir-rikorrenti tghid li kienet u ghadha s-sid tad-dghajsa. Ghalkemm l-intimat ried jixtri d-dghajsa, ma baqax interessat ghaliex sab difetti, tant li ha lura d-depozitu li kien hallas lir-rikorrenti. Tghid li qatt ma ffirmat att tal-bejgh favur l-intimat u tikkontesta bhala taghha l-firma li tidher fuq il-*bill of sale* li pprezenta l-intimat.

Min-naha tieghu, l-intimat jichad li l-fatti graw kif qalet ir-rikorrenti. It-trasferiment tad-dghajsa favur tieghu sar regolarment u bl-accettazzjoni tar-rikorrenti. Fil-fatt jghid li hallas tad-dghajsa u r-rikorrenti ffirmat l-att tal-bejgh. Abbazi tal-att, id-dghajsa kienet u ghadha registrata f`ismu. Huwa kkontesta d-dokument li pprezentat ir-rikorrenti dwar ir-rifuzjoni tad-depozitu billi sostna li dak huwa dokument falz. Lanqas il-firma ma kienet tieghu, tant li wera lill-qorti l-firma fuq il-karta tal-identita` tieghu.

## V. Dritt

Id-disposizzjoni li tirregola procediment tax-xorta tal-lum hija l-**Art 873 tal-Kap 12**. L-artikolu huwa kompost minn erba` subincizi. Dawk rilevanti ghall-kaz tal-lum huma l-ewwel tnejn. Ighidu hekk :-

*(1) L-iskop tal-mandat ta` inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tkun li tista` tkun ta` pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

*(2) Il-qorti m`ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*

Minn analizi tas-subincizi (1) u (2) tal-Art 873 tal-Kap 12, wiehed isib illi l-qorti hija prekluza ("***m`ghandhiex***") milli tordna l-hrug tal-Mandat, sakemm ma jirrikorrux dawn ir-rekwiziti :-

i. Illi l-Mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-

rikorrent.

ii. Illi jidher sal-livell ta` *prima facie* li r-rikorrent ghandu dawk il-jeddijiet.

iii. Illi bil-fatt illi ma jkunx ordnat il-hrug tal-Mandat, il-pregudizzju li jgarrab ir-rikorrent ikun irrimedjabbli.

## VI. <u>Gurisprudenza</u>

Il-qorti sejra taghmel riferenza ghal principji li hargu mill-gurisprudenza tal-qrati taghna dwar kif ghandhom jitqiesu r-rekwiziti ghall-hrug tal-Mandat :-

1) Dwar il-prova *prima facie* tal-jeddijiet, fis-sentenza taghha tal-14 ta` Lulju 1988 fil-kawza **<u>Grech pro et noe vs Manfre`</u>** (Kollez. Vol. LXXII.II.290) il-Qorti tal-Appell qalet hekk –

... *huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru `prima facie`, ma` l-ewwel daqqa t`ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.*

2) L-elementi li jwasslu ghall-hrug tal-Mandat huma kumulattivi **<u>mhux</u>** alternattivi. Li allura jfisser illi jekk xi wiehed minnhom ma jirrizultax, il-Qorti **<u>hija obbligata</u>** tichad it-talba ghall-hrug ta` l-Mandat.

3) Il-procedura tal-Mandat hija eccezzjonali u straordinarja ("**<u>Xuereb</u> <u>noe vs Hili noe</u>**" : Qorti tal-Kummerc : 22 ta` Settembru 1994).

4) **Il-procedura tal-lum hija mahsuba biex tkun wahda sommarja. Huwa propju ghalhekk li l-ligi stabbiliet zminijiet qosra u precizi li fihom it-talba ghall-hrug ta` l-Mandat ghandha jew tintlaqa` jew tigi michuda. Mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem din il-qorti, fi procediment bhal dak tal-lum, kull ma ghandu jitressaq quddiemha waqt is-smigh tal-kawza dwar il-jedd. Dan ifisser illi l-fatt illi tintlaqa` talba ghall-hrug ta` l-Mandat, m`ghandux ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Kif daqstant iehor m`ghandux ifisser li jekk il-hrug tal-Mandat ikun michud, allura l-jedd pretiz ma jezistix.**

**Unikament ghall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta` din il-qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Hadd mill-partijiet ma jista` jew m`ghandu jippretendi li bil-metodu sommarju ghandha tkun proprju din il-qorti li tiddeciedi hi l-qofol tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-procedura specjali u partikolari tal-Mandat ta` Inibizzjoni. <u>Il-mansjoni ta` din il-qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu izda huwa limitat u cirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv Mandat ta` Inibizzjoni</u>.**

## VII. <u>Risultanzi</u>

Il-qorti sejra tqis jekk jirrizultax l-ewwel rekwizit u cioe` il-jedd *prima facie* tar-rikorrenti. Jekk jirrizulta, allura tghaddi sabiex tqis is-sussistenza o meno tar-rekwiziti l-ohra. Jekk ma jirrizultax, allura jkollha tieqaf hemm ghaliex il-konsiderazzjoni tar-rekwiziti l-ohra ssir esercizzju nutili propju ghaliex kif diga` nghad ir-rekwiziti huma kumulattivi <u>mhux</u> alternattivi, u allura jekk imqar rekwizit wiehed ikun nieqes, il-qorti hija prekluza milli tordna l-hrug tal-Mandat.

Fi procediment ta` din ix-xorta, jispetta lir-rikorrenti l-oneru li taghmel il-prova li *prima facie* ghandha jedd sabiex titlob il-hrug tal-Mandat.

Il-qorti semghet ix-xiehda taz-zewg nahat u dik ta` Michael Savona mill-Awtorita` ghat-Trasport f`Malta.

Tistqarr bla ekwivoci li naha jew ohra mhijiex tghid is-sewwa minkejja li kull ma kien mistqarr minn kull parti kien bil-gurament. Minhabba l-parametri ristretti li dan il-procediment jimponi fuqha, il-qorti mhijiex sejra taghmel indagni ta` min miz-zewg nahat ma qalx is-sewwa. Dak se jkun kompitu li jkollha titharreg il-qorti li tkun trid tiddeciedi dwar il-mertu tal-jedd. Fil-procediment odjern trid toqghod fuq il-*prima facie.*

Billi bid-deposizzjoni taghhom il-partijiet ikkontestaw il-fatti, il-qorti sejra tmur ghall-**<u>ahjar provi</u>** li ghandha ghad-disposizzjoni taghha, u cioe` d-dokumenti anke jekk anke dwar l-veracita` li xi dokumenti hemm kontestazzjoni wkoll :

**Dok A** :

Dan huwa certifikat ta` tigdid tar-registrazzjoni tad-dghajsa mar-Registru Malti tal-Bastimenti. Ir-registrazzjoni hija f`isem ir-rikorrenti u tkopri z-zmien sat-**28 ta` Mejju 2020**. Dwar dan id-dokument, ma hemmx kontestazzjoni.

**Dok B** :

Condition & Evaluation Survey Report dwar id-dghajsa rilaxxjat minn Oceanus Marine Ltd datat **26 ta` Gunju 2015**.

**Dok C** :

Hekk imsejjah *preliminary agreement* dwar il-bejgh tad-dghajsa mir-rikorrenti lill-intimat. Id-dokument huwa bla data u mhux iffirmat. Ghal din il-qorti, fl-istat li hu, id-dokument mhux validu.

**Dok D** :

Ricevuta ghas-saldu li skont ir-rikorrenti rrilaxxja l-intimat favur taghha fl-10 ta` Settembru 2019. L-intimat jikkontesta l-firma tieghu. Bhala fatt il-firma ma taqbel xejn ma` dik tal-karta tal-identita` u tal-licenzja tas-sewqan. Ma hemmx ghalfejn tkun espert sabiex tinnota l-qofol tad-differenza.

**Dok DM** :

Kopja tal-karta tal-identita` u kopja tal-licenzja tas-sewqan. Il-firma fuq iz-zewg dokumenti hija l-istess wahda. Il-persuna hija l-istess wahda li dehret quddiem il-qorti.

**Dok DM1** :

Kopja tal-bill of sale tad-dghajsa mir-rikorrenti lill-intimat datat **5 ta` Settembru 2019**. Id-dokument huwa ffirmat mir-rikorrenti u minn xhud. Id-dokument kien accettat bhala validu mill-Awtorita` ghat-Trasport f`Malta. Ghalkemm ir-rikorrenti tikkontesta li l-firma hija taghha, ma gab l-ebda prova tangibbli biex issostni l-kontestazzjoni taghha.

**Dok DM2 sa Dok DM5** :

Dawn huma erba` dokumenti ufficjali li juru li certament b`effett mill-**24 ta` Dicembru 2019 sal-lum** l-intimat kien rikonoxxjut mill-Awtorita` ghat-Trasport f`Malta bhala s-sid tad-dghajsa.

**Dok MS** :

Dan kien dokument prezentat bhala prova minn Michael Savona ghall-Awtorita` ghat-Trasport f`Malta li ikompli jikkonferma li l-intimat huwa s-sid tad-dghajsa registrat mal-Awtorita`.

Certament fuq livell ta` *prima facie*, id-dokumenti prezentati fl-assjem taghhom ma jaghtux ragun lir-rikorrent anzi jikkonfermaw it-tesi tal-intimat. Tenut kont tal-assjem, id-dokumenti juru *prima facie* li r-rikorrenti ma baqghetx is-sid tad-dghajsa. Billi l-prova tal-jedd tar-rikorrenti, ma tirrizultax *prima facie,* il-qorti mhijiex sejra tqis ir-rekwiziti l-ohra.

**Provvediment**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-qorti, filwaqt illi qeghda tirrevoka *contrario imperio* d-digriet li tat fil-5 ta` Jannar 2021 safejn laqghet provvizorjament it-talba ghall-hrug tal-Mandat, qeghda tichad it-talba tar-rikorrenti kif dedotti fir-rikors taghha tal-5 ta` Jannar 2021. Tordna lir-rikorrenti sabiex thallas l-ispejjez ta` dan il-procediment.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**